

## II

(Attie mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/2350****tas-16 ta' Diċembru 2015****li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 36/2012.
- (2) Persuna u żewġ entitajiet ma għandhomx jibqgħu jinżammu fuq il-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 36/2012 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif indikat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2015.

*Għall-Kunsill**Il-President*

C. DIESCHBOURG

---

<sup>(¹)</sup> ĠUL 16, 19.1.2012, p. 1.

## ANNESS

Il-persuna u ż-żewġ entitajiet elenkati hawn taħt, kif ukoll l-entrati relatati magħhom, huma b'dan imħassra mil-lista li tinsab fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012:

A. Persuni

Nru 205 Samir Hamsho

B. Entitajiet

Nru 68. Syria Steel SA

Nru 69. Al Buroj Trading

---